13 ta' Frar, 1953

Imħallfin:

Is-S.T.O. Dr. L.A. Camilleri, LL.D., *President;*
L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.;
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Maria Cassar et. *versus* Carmela Camilleri et.

**Appell lill-Kunsill Privat tal-Maestà tar-Re — Sospensjoni ta' l-Eżekuzzjoni tas-Sentenza — Spejjeż Ġudizzjarji — Art. 2 u 5 ta' l-Order-in-Council tat-22 ta' Novembru 1909, u Order-in-Council tal-25 ta' Novembru 1942.**

*Presuppost indispensabili sabiex il-Qorti tkun tista' teżerċita d-diskrezzjoni tagħha, meta takkorda l-permess ta' l-appell lill-Kunsill Privat tal-Maestà tar-Re, li takkorda anki s-sospensjoni ta' l-eżekuzzjoni tas-sentenza li minnha jkun irid isir l-appell, huwa illi s-sen-*

*tenza appellata tkun ikkundannat lill-appellanti għall-ħlas ta' xi flus jew għall-eżekuzzjoni ta' xi obligu.*

*Jekk is-sentenza tkun għamlet biss xi dikjarazzjoni, mingħajr ma tkun ikkundannat għall-ħlas ta' flus jew għall-eżekuzzjoni ta' obligu, mhux il-każ li l-Qorti tista' tuża d-diskrezzjoni tagħha fuq imsemmija.*

*Lanqas jista' jingħad, biex jiġi superat dan l-ostakolu, illi s-sentenza ikkundannat lill-appellanti għall-ħlas ta' l-ispejjeż; għaliex l-Order-in-Council li jikkontempla dan l-appell jirriferixxi għal kundanna fil-meritu, għal "matter in dispute", u mhux għall-ispejjeż.*

Il-Qorti — Rat il-petizzjoni ta' l-imsemmija Maria mart Salvatore Cassar, minnu assistita, u ta' l-istess Salvatore Cassar bħala kap tal-komunjoni ta' l-akkwisti, li biha talbu l-permess li jappellaw mis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fit-12 ta' Jannar 1953 lill-Kumitat Ġudizzjarju tal-Kunsill Privat tal-Maestà Tagħha r-Reġina, biex jottjenu r-revoka ta' l-istess sentenza fil-meritu u fl-ispejjeż, u l-akkoljiment tad-domandi attriċi; u talbu wkoll is-sospensjoni ta' l-eżekuzzjoni tas-sentenza fil-pendenza ta' l-appell hekk mitlub;

*Omissis;*

**Ikkunsidrat** ;

Illi jingħata appell, b'jedd, minn kull sentenza finali ta' din il-Qorti, meta l-ħaġa li hemm appell fuqha hija ta' ammont jew ta' valur ta' £500 jew iżjed, jew jekk fil-ħaġa li hemm l-appell fuqha tidħol, direttament jew indirettament, xi pretensjoni jew kwistjoni fuq jew dwar proprjetà, jew jedd ċivili, ta' ammont jew ta' valur ta' £500 jew iżjed (art. 2 Order-in-Council 22 ta' Novembru 1909, kif emendat bl-Order-in-Council tal-5 ta' Novembru 1942);

Illi ma jistax ikun hemm dubju li f'dan il-każ is-sentenza hi finali, u li l-ammont involut jeċċedi s-somma ta' £500;

Illi għalhekk l-ewwel talba hi ġustifikata;

Kwantu għat-talba tas-sospensjoni ta' l-eżekuzzjoni tas-sentenza, din il-materja hi regolata bl-art. 5 ta' l-Order-in-Council fuq imsemmi, li jgħid hekk :— "Meta s-sentenza li minnha jsir appell tikkundanna lill-appellant għall-ħlas ta' flus jew għall-eżekuzzjoni ta' obligu, il-Qorti tista', meta tagħti permess għall-appell, jew tordna l-eżekuzzjoni tas-sentenza fuq imsemmija jew is-sospensjoni ta' dik l-eżekuzzjoni ma-

tul iż-żmien li jkun miexi l-appell, kif il-Qorti jkun jidhrilha sewwa..........";

Illi din hija d-dispożizzjoni li biha għandha tiġi regolata l-kwistjoni tas-sospensjoni mitluba mill-attriċi u żewġha;

Illi presuppost indispensabili sabiex din il-Qorti tista' tiġi msejħa teżerċita d-diskrezzjoni lilha mogħtija fl-imsemmi art. 5 ta' l-Order-in-Council hu li jkun hemm kundanna ta' l-appellant għall-ħlas jew għall-eżekuzzjoni ta' obligu. Issa f'dan il-każ ma hemm ebda kundanna ta' l-appellanti, la għall-ħlas ta' flus u lanqas għall-eżekuzzjoni ta' obligu. Huma talbu dikjarazzjoni li huma kellhom sehem ta' nofs il-biljett rebbieħ, u din il-Qorti ċaħdet il-pretensjoni tagħhom; iżda ma kkundannathomx, la biex iħallsu flus, u lanqas biex jeżegwixxu xi obligu;

Illi ma hemmx raġunijiet biex id-dispożizzjoni ta' l-art. 5 fuq imsemmi tiġi estiża. Lanqas jista' jingħad li hemm il-kundanna ta' l-appellanti li jħallsu l-ispejjeż, mhux biss għaliex mill-kontest ta' l-artikolu jidher li qed jirriferixxi għall-meritu, imma anki għaliex dak l-artikolu għandu jiġi korrelatat ma' l-art. 2, li jsemmi l-"matter in dispute", vwoldiri l-meritu;

Illi l-eventwalitajiet li jistgħu jinqalgħu in segwitu għad-depożitu magħmul biċ-ċedola eżibita mill-atturi b'nota tagħhom tas-26 ta' Jannar 1953, ma jistgħux ibiddlu t-termini ta' l-art. 5 fuq imsemmi; salv kull rimedju u kull kawtela oħra li talvolta jistgħu jkunu, "si et quatenus", jieħdu l-atturi f'dawn l-eventwalitajiet;

Għalhekk tiddeċidi billi takkolji l-ewwel talba, u tagħti lill-atturi l-permess kondizzjonali li jappellaw mid-deċiżjoni ta' din il-Qorti fuq imsemmija lill-Maestà Tagħha r-Reġina fil-Kunsill Privat Tagħha; tagħtihom terminu ta' xahar biex jagħtu l-malleverija kontemplata fl-art. 4 ta' l-Order-in-Council fuq imsemmi għall-finijiet hemm indikati; u tistabbilixxi s-somma ta' £400 għall-finijiet ta' dik il-malleverija. Tagħti wkoll lill-appellanti t-terminu ta' tliet xhur biex jipprokuraw il-preparazzjoni u trasmissjoni ta' l-inkartament tal-kawża lill-Kumitat Ġudizzjarju fit-termini ta' dak l-art. 4. L-ispejjeż ta' dan il-kap jibqgħu riżervati għall-provvediment fuq il-permess finali;

Tiċħad it tieni talba, għas-sospensjoni; bl-ispejjeż kontra l-attur.